**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 237/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Frankie Apap**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Frankie Apap, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 13583(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer:

**Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana:**

(i) Talli fit-2 ta' Diċembru 2020, wara spezzjoni li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana ġewwa maħżen awtorizżat ta' *Apap Tobacco Limited* li jinsab BLB 026A, Triq il-Makkinarju, Zona Industrijali, Bulebel, Zejtun, instab li kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll kellu ddepożitat għandu 3,140 kilo tabakk manifatturat, liema produzzjoni ta' dan l-imsemmi tabakk ma kienitx iddikjarata lill-Kummissarju;

(ii) Talli fit-2 ta' Diċembru 2020, u/jew fil-ġranet u xhur ta' qabel, importa jew daħħal, jew kellu x'jaqsam f'illi jiġi importat jew imdaħħal f'Malta, 3,140 kilo tabakk mhux manifatturat li l-importazzjoni tiegħu hija limitata;

(iii) Talli fiċ-ċirkostanza fuq imsemmija, ikkunsinna, warrab, jew irtira minn bastiment, moll, bankina, jew lok ieħor, qabel l-ezami tiegħu mill-uffiċjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal inkarigat mid-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal, it-tabakk fuq imsemmi, b'mod li l-uffiċjal inkarigat ma kienx jista' jieħu nota kif imiss, jew b'mod li ma kienx ġie mdaħħal fid-depożt kif imiss;

(iv) Talli fiċ-ċirkostanza fuq imsemmija pproduċa oġġetti dazjabbli bi proċess li ma jkunx permess skond il-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu;

Dan it-tabakk, li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu hu ristrett u/jew limitat, għandu Valur totali ta' €15,900, Dazju tas-Sisa dovut ta' €383,080 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta għal €71,816.40.

Dan bi ksur tal-Artikolu 60(1)(c), 62(a)(b)(c), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62, tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, Artikolu 16(1)(a), Regolament 12(1)(2)(3) tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tal-VAT:**

(v) Talli fit-2 ta' Diċembru 2020, wara spezzjoni li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana ġewwa maħżen awtoriżżat ta' *Apap Tobacco Limited* li jinsab BLB 026A, Triq il-Makkinarju, Zona Industrijali, Bulebel, Zejtun, instab li kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll ddepożitat għandu 3, 140 kilo tabakk manifatturat, liema produzzjoni ta' dan l-imsemmi tabakk ma kienitx iddikjarata lill-Kummissarju;

(vi) Talli fit-2 ta' Diċembru 2020, u/jew fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, importa jew daħħal, jew kellu x'jaqsam f'illi jiġi importat jew imdaħħal, f'Malta, 3,140 kilo tabakk mhux manifatturat li l-importazzjoni tiegħu hija limitata;

(vii) Talli fiċ-ċirkostanza fuq imsemmija, ikkunsinna, warrab jew irtira minn bastiment, moll, bankina, jew lok ieħor, qabel l-ezami tiegħu mill-uffiċjal inkarigat mid-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal, it-tabakk fuq imsemmi, b'mod li l-uffiċjal inkarigat ma kienx jista' jieħu nota kif imiss, jew b'mod li ma kienx ġie mdaħħal fid-depozt kif imiss;

(viii) Talli fiċ-ċirkostanza fuq imsemmija pproduċa oġġetti dazjabbli bi proċess li ma jkunx permess skond il-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu;

Dan it-tabakk, li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu hu ristratt u/jew limitat, għandu Valur totali ta' €15,900, Dazju tas-Sisa dovut ta' €383,080 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta għal €71,816.40, u dan bi ksur ta' Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi, u ċioe' l-Artikoli 60(1)(c), 62(a)(b)(c), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62, tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, Artikolu 16(1)(a), Regolament 12(1)(2)(3) tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-SISA, Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet u ddikjarat lill-imputat Frankie Apap ħati tal-akkużi kif addebitati fil-konfront tiegħu u kkundanatu xahar priġunerija sospiżi għal sentejn skond l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għall-ħlas ta' multa fis-somma ta' €1,149,240, li terz minnha titħallas minnufih bħala dejn ċivili skond il-liġi, filwaqt li l-bilanċ jitħallas skond il-liġi. *In oltre*, il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska skond il-Liġi tal-materjal/tabakk maqbud.

Rat ir-rikors tal-appellant Frankie Apap, ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2023, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha billi tilliberah minn kull ħtija u piena, jew alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena fejn tapplika piena aktar idonea għall-każ odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-istess appellant u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iqanqal serje ta' aggravji imsejsa mhux biss fuq apprezzament erronju tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, iżda ukoll fuq interpretazzjoni u applikazzjoni

żbaljata tal-liġijiet erarji u doganali marbuta mal-importazzjoni tat-tabakk u mal-proċess tal-manifatturazzjoni ta'l-istess.

Illi qabel ma tinoltra ruħha f'eżami tal-aggravji fl-ispeċifiku, tajjeb li jkunu inkwadrati il-fattispeċje ta' dan il-każ. L-appellant jiġġestixxi negozju ta' manifatturazzjoni u produzzjoni ta' sigaretti u fil-fatt għandu fabbrika lliċenzjata ġewwa Bulebel għal dan in-negozju. L-appellant jimporta it-tabakk mhux immanifatturat (*raw tobacco*) u imbagħad igħaddi għal manifatturazzjoni ta'l-istess u l-produzzjoni tas-sigaretti mill-imsemmi tabakk. Dan ix-xogħol jagħmlu bil-permess tal-Kummissarju tat-Taxxa u tad-Dwana. Illi l-Prosekuzzjoni, madanakollu, f'dan il-każ taħt il-lenti tal-Qorti xliet lill-appellant bin-nuqqas illi huwa jagħti avviż lil Kummissarju li kien ser jimporta konsenja tabakk mhux immanifatturat, li huwa prodott li għalih japplika is-sospensjoni tad-dazju tas-Sisa fit-territorju komunitarju. L-appellant imbagħad irid jagħmel dikjarazzjoni addizzjonali rigward il-manifatturazzjoni tat-tabakk minn materja prima għal dak maħdum fis-sigarett fejn imbagħad jiskatta l-obbligu tal-ħlas tad-dazju tas-sisa. Jidher illi dan in-negozju tal-appellant huwa proġett innovattiv hawn Malta bl-ewwel wieħed bil-produzzjoni tas-sigaretti lokalment. L-appellant qed ikun mixli illi fl-ewwel lok huwa naqas milli jiddikjara mal-Kummissarju tad-Dwana illi kienet ser issir l-importazzjoni tat-tabakk mhux immanifatturat, kif lanqas saret dikjarazzjoni illi dan kien ser jiġi immanifatturat. L-appellant huwa wkoll mixli li ġaldarba t-tabakk ġie immanifatturat ma tħallas la d-dazju tas-sisa fuqu u lanqas it-taxxa fuq il-valur miżjud.

Issa l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, jikkonċerna l-apprezzament żbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti meta jikkontendi illi dan seħħ meta dik il-Qorti ma applikatx dak li tgħid il-liġi fil-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta għal provi mismugħa quddiemha. Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant iqis illi d-dikjarazzjoni tal-importazzjoni tal-merkanzija u d-dikjarazzjoni tal-immanifatturar ta'l-istess mal-Kummissarju għandhom jitqiesu taħt l-istess keffa. Illi dawn iż-żewġ stadji fin-negozju tal-appellant huma regolati b'liġijiet differenti u mhux unikament b'dak imfassal fil-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-istadju inizjali tal-importazzjoni tat-tabakk bħala materja prima, meta sa dan l-istadju huwa pależi illi ebda taxxa jew dazju ma huma dovuti, jitwieled l-obbligu fl-importatur li jiddikjara mad-Dipartiment tad-Dwana li saret din l-importazzjoni u dan kif imfassal fil-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi imbagħad hekk kif dan it-tabakk jkun immanifatturat għandu jingħata avviż lill-Kummissarju tat-Taxxi u tad-Dwana dwar il-bidu tal-istadju ta' manifattura u produzzjoni fejn allura jiskatta l-obbligu tal-ħlas tad-dazju tas-sisa u tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Jilmenta l-appellant preliminarjament illi l-liġi tikkonċedi terminu ta' sitt xhur mid-data tal-importazzjoni sabiex l-importatur jagħmel din id-dikjarazzjoni u dan kif imfassal fir-Regolament 16 tat-Taqsima A tas-Sitt Skeda tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, liema terminu fil-każ tiegħu kien għadu ma iddekkorriex meta saret l-ispezzjoni mill-Uffiċċjali tad-Dwana f' Diċembru tas-sena 2020. Illi l-Ewwel Qorti, fil-fehma tiegħu, naqqset meta ma għamlitx referenza ghad-disposizzjonijiet tad-dritt in materja u ċioe' għal dak imfassal fl-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u kwalsiasi Liġi oħra. Dan għaliex fit-termini tal-Liġi huwa kellu żmien sa Frar tas-sena 2021 sabiex jagħmel id-dikjarazzjoni rikjesta bil-liġi dwar l-importazzjoni tat-tabakk. Għaldaqstant, stante li l-uffiċjali tad-Dwana marru fil-fabbrika tiegħu qabel dina d-data appena msemmija, huwa mhux talli ma kellux jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, iżda lanqas setgħat l-Ewwel Qorti tgħaddi għall-konfiska tat-tabakk.

Illi r-Regolamenti 15 u 16 jaqraw hekk:

> **15. Il-kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat tal-oġġetti tad-dazju tas-sisa għandu iżomm records u kontijiet kif speċifikat f'dawn ir-regolamenti jew kif preskritt xort'oħra u huma marbutin li jkkonservaw dawk ir-records għal sitt snin jew dak il-perijodu iqsar li l-Kummissarju jista' jippermetti.**
>
> **16. Il-kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat għandu jipproduċi lill-Kummissarju:**
> **(i) rendikont perijodiku li jagħti d-dettalji ta' kull bejgħ jew konsenja u ħruġ ieħor ta' oġġetti tad-dazju tas-sisa maħruġa mill-maħżen tas-sisa awtorizzat jew maħżen ta' depożt matul perijodu kif stabbilit mill-Kummissarju u f'dik l-għamla li l-Kummissarju jista' jordna jew kif xort'oħra preskritt dwar l-oġġetti tad-dazju tas-sisa partikolari;**

**(ii) rendikont verifikat għal kull perijodu ta' accounting iċċertifikat minn awditur pubbliku ċertifikat, dwar kull produzzjoni, ħażniet miżmuma fil-maħżen tas-sisa awtorizzat u bejgħ ta' oġġetti tad-dazju tas-sisa magħmul matul il-perijodu ta' accounting, fil-każ ta' kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat, u li jkun fih dik l-informazzjoni li tkun preskritta dwar oġġetti tad-dazju tas-sisa partikolari;**
**(iii) rendikont verifikat għal kull perijodu ta' accounting, iċċertifikat minn awditur pubbliku ċertifikat, dwar kull introduzzjoni, ħażniet miżmuma fil-maħżen tas-sisa awtorizzat li ma jkunx maħżen ta' depożt tal-Gvern, kif ukoll dwar bejgħ, ħruġ jew konsenji oħra ta' oġġetti tad-dazju tas-sisa magħmula matul il-perijodu ta'accounting, fil-każ ta' kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat, u li jkun fih dik l-informazzjoni li tista' tiġi preskritta dwar oġġetti partikolari;**
**(iv) <u>iż-żmien ta' perijodu ta' accounting ikun ta' sitt xhur</u> jew dak il-perijodu itwal li l-Kummissarju jista' jippermetti jew kif jista' xort'oħra jiġi preskritt u r-rendikont verifikat għandu jasal għand il-Kummissarju fi żmien tletin jum wara tmiem ta' kull perijodu ta' accounting li jkun qed jiġi rrapportat dwaru.**

Abbinat ma dawn ir-regolamenti imbagħad, ir-Regolament 12 tas-Sitt Skeda, Taqsima Ċ tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, tfassal dawk ir-regolamenti applikabbli għat-tabbakk manifatturat. Illi r-regolament 12, li jagħmel referenza għalih l-appellant jitkellem dwar dawk id-dikjarazzjonijiet perjodiċi li jridu isiru lil Kummissarju u *records* oħra li iridu jinżammu mill-kustodju tal-maħżen tas-sisa awtoriżżat tat-tabakk <u>manifatturat</u>. Issa huma biss l-ewwel, ir-raba', il-ħames u t-tmien imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-appellant li jitrattaw it-tabakk manifatturat u dana għaliex l-akkuzi rimanenti jitkellmu propju dwar tabakk <u>mhux immanifatturat</u>.

Illi, ir-Regolament 12 tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi:–

**1) Il-kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat tat-tabakk u ta' prodotti tat-tabakk għandu jagħti lill-Kummissarju dikjarazzjoni li tkun turi, <u>għar-rigward tal-produzzjoni ta' kull prodott</u>, matul dak il-perjodu li l-Kummissarju jista' jippermetti jew hekk kif jista' jiġi preskritt:**
**(a) il-piż ta' tabakk tal-werqa, ta' sostituti tat-tabakk u ta' tabakk imqatta' jew imqatta' u mħallat iżda mhux manifatturat iktar minn hekk, li huwa jkollu fl-ewwel jum ta' perijodu bħal dak f'xi maħżen tas-sisa awtorizzat reġistrat f'ismu;**
**(b) il-piż ta' kull tabakk kif imsemmi qabel minnu akkwistat matul dak il-perjodu, billi jiddikjara mnejn ikun akkwistah;**

**(ċ) il-piż ta' kull tabakk kif imsemmi qabel mibjugħ jew mod ieħor imneħħi matul dak il-perijodu u lil min ikun inbiegħ jew għand min ikun tneħħa;**
**(d) il-kwantità ta' kull prodott minnu manifatturat matul kull perijodu bħal dak; u**
**(e) il-piż ta' fdalijiet li joħorġu mill-manifattura ta' kull prodott tat-tabakk matul kull perijodu bħal dak ġewwa maħżen tas-sisa awtorizzat reġistrat f'ismu.**
**(2) Dik id-dikjarazzjoni għandha tingħata lill-Kummissarju mhux iktar tard mill-wieħed u għoxrin jum tax-xahar li jiġi minnufih wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' kontijiet imsemmi fis-subregolament (1) u għandha tiġi formulata biex turi t-tagħrif li jkun meħtieġ li jingħata, kif separatament klassifikat taħt il-kapi tabakk tal-werqa, sostitut tat-tabakk, tabakk importat imqatta', u tabakk importat maqtugħ u imħallat.**
**(3) Kull min jonqos milli jħares id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta'mhux aktar minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).**

Illi, l-Avukat Ġenerali jikkontendi illi dawn ir-regolamenti li l-appellant jistrieħ fuqhom sabiex jeżimi ruħu minn kull responsabbilita' penali ma jsibux applikazzjoni għar-reati lilu addebitati. Dan għaliex jargumenta illi l-att vjolattiv tal-liġi kien jikkonsisti fin-nuqqas illi l-appellant jiddikjara mal-Kummissarju illi huwa kien importa t-tabakk, u d-dikjarazzjoni li huwa beda jimmanifattura dak it-tabakk, liema dikjarazzjonijiet huma għal kollox differenti mir-rendikont perijodiku li jitkellmu dwaru ir-regolamenti su-iċċitati.

Illi mill-provi akkwiżiti in atti jemerġi illi l-appellant tħajjar jibda jinnegozja fil-produzzjoni tas-sigaretti li kienet xi ħaġa innovattiva stante illi lokalment, f'dak iż-żmien, ma kien hemm ebda fabbrika li timmanifattura s-sigaretti. Jidher illi l-appellant għalhekk kien qed jitlob il-gwida mill-Kummissarju tat-Taxxi u tad-Dwana bil-għan li jikseb linji gwida dwar dawk il-liġijiet u regoli li kellu isewgi sabiex ikun in konformita' mal-liġi kemm dik nazzjonali kif ukoll komunitarja. Illi għalhekk kiseb il-liċenzja meħtieġa sabiex iwaqqaf fabbrika għal dan il-għan b'imħażen appożiti għat-tabakk lil kien ser jimporta bħala materja prima, liema liċenzja iġġib id-data tas-16 ta' Lulju 2020. Illi l-appellant kien anke xtara u mporta il-makkinarju għal produzzjoni, u dan taħt is-superviżjoni tal-Uffiċjal tad-Dwana, u anke installa fil-fabbrika l-apparat meħtieġ taħt ir-regolamenti ewropeja sabiex il-produzzjoni

tkun immoniterjata. Dan bil-għan illi ma jkunx hemm lok għal dħul ta' xi oġġetti ta' kuntrabandu fejn allura ikun hemm evażjoni tat-taxxa. Ma jidhirx għalhekk illi l-appellant naqas milli jottempera ruħu ma' dak li trid il-liġi meta huwa waqqaf din il-fabbrika u beda iwitti t-triq għal produzzjoni lokali tas-sigaretti, billi anke għamel dik il-garanzija bankarja meħtieġa bil-liġi u fuq direzzjoni tal-Kummissarju stess sabiex il-ħlas tad-dazju u taxxa jkun iggarantit. Mix-xiehda tiegħu mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti jidher, għalhekk illi l-appellant kien sorpriż meta l-Uffiċjali tad-Dwana li, fil-fehma tiegħu, kienu jafu illi huwa kien importa it-tabakk mill-Polonja sabiex jibda b'din l-intrapriża, ma kenux avżawh illi meta saret din l-importazzjoni kellu jinforma lil Kummissarju għaldaqstant, u kien biss meta huwa avviċinahom bil-għan li ikun jista' jibgħat xi *samples* tas-sigaretti li kien ipproduċa lejn xi laboratorji fil-Ġermanja u sabiex jistaqsiehom x'kellu jagħmel, illi huma għamlu spezzjoni oħra fil-fabbrika u innotaw illi l-appellant kien importa madwar tlett tunnellati tabakk f'materja prima li skont l-imsemmija uffiċjali kien diġa' beda jiġi immanifatturat għaliex osservaw li kien imqatta'.

Illi minn dawn il-fattispeċje għalhekk jemerġi illi, kif ġustament stqarret l-Ewwel Qorti, fuq l-appellant kienu jinkombu żewġ obbligi, bl-ewwel wieħed ikun dak illi jiddikjara l-importazzjoni tal-materja prima, u bit-tieni wieħed illi jagħmel dikjarazzjoni mal-Kummissarj illi l-proċess ta' manifatturazzjoni u produzzjoni jkun inbeda. Illi dawn iż-żewġ obbligi, kif ingħad iktar 'il fuq, huma regolati b'żewġ liġijiet differenti, u ċioe' l-Att dwar id-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 60(1)(c) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jassoġġetta lill-importatur għal proċediment penali:

> **"jekk oġġetti jiġu meħuda minn fuq bastiment, moll, bankina jew lok ieħor f'Malta qabel ma jiġu eżaminati mill-uffiċjal inkarigat tad-dwana jew, jekk oġġetti iddikjarati sabiex jiġu mdaħħla fid-depożt, jinġarru għad-depożt mhux taħt is-sorveljanza jew bl-awtorizzazzjoni ta' dan l-uffiċjal u mhux b'dak il-mod, u minn dawk it-triqat jew naħiet, u f'dak iż-żmien li huwa jordna."**

Illi huwa fatt inkontestat illi l-appellant mal-wasla tal-konsenja tabakk f'materja prima ġewwa Malta ma ddikjarax mal-Kummissarju din l-importazzjoni u dan bi vjolazzjoni ta'dak maħsub fl-artikolu 60(1)(c) hawn fuq iċċitat. Dan irrispettivament mid-dikjarazzjonijiet perjodiċi li huwa dirett li jagħmel fit-termini tar-Regolamenti iktar 'il fuq iċċitati f'din is-sentenza, u li jikkonċernaw rendikont ta' dak it-tabakk maħżun f'maħżen awtorizzat, f'liema stat jinstab, jekk ġiex immanifatturat jew le, u jekk l-istess wasalx fi stadju ta' produzzjoni sabiex il-Kummissarju b'hekk ikun avżat f'liema mument il-prodott isir dazjabbli. Il-Qorti ma tistax taqbel, għalhekk, mal-fehma tal-appellant illi huwa kellu xi terminu biex jagħmel din id-dikjarazzjoni billi huwa jinsab mixli li naqas milli jagħmel id-dikjarazzjoni meħtieġa ai fini tal-liġijiet doganali fit-terminu tal-Kapitolu 37 u mhux dik id-dikjarazzjoni li jitkellem dwarha l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa il-Kapitolu 382, liema dikjarazzjoni għandha l-għan għalhekk li l-Kummissarju jkun jista' josserva il-proċess kollu tal-manifaturazzjoni sabiex ikun jaf f'liema mument jiskatta l-obbligu tal-ħlas tad-dazju u tat-taxxa fuq il-prodott.

Issa għalkemm l-injoranza tal-liġi ma hijiex skuża biex tissanzjona xi vjolazzjoni ta' dritt, madanakollu f'dan il-każ lanqas jista' jingħad illi l-appellant naqas milli jiddikjara l-importazzjoni tat-tabakk bil-għan illi jaħrab mid-dmirijiet tiegħu lejn l-erarju pubbliku jew biex jevadi l-ħlas ta' taxxa jew tad-dazju, tant illi mill-atti u mill-korrispondenza voluminuża li ġiet skambjata bejnu u bejn id-Dipartiment ma jistax jingħad illi huwa ħeba xi dettall jew informazzjoni mill-Kummissarju dwar in-negożju tiegħu. Igħid l-appellant illi huwa kien tal-fehma illi din id-dikjarazzjoni kellha issir mill-burdnar u għalhekk ħalla f'idejh sabiex jissottometti l-inkartament kollu meħtieġa lill-awtoritajiet doganali hekk kif il-prodott wasal ġewwa Malta. Jikkontendi ukoll illi fl-ewwel spezzjoni li għamlu l-Uffiċjali tad-Dwana fil-fabbrika setgħu jinnuttaw *ictu oculi*, u anke mir-riħa ta' tabakk li kien hemm fil-fabbrika, illi huwa kien importa l-materja prima, u qatt ma ġibdulu l-attenzjoni għal fatt illi huwa kellu jiddikjara l-importazzjoni ta'l-istess.

Dan magħdud, madankollu, jibqa l-fatt illi d-dikjarazzjoni dwar l-importazzjoni tal-materja prima ma saritx u għalhekk lanqas seta' il-Kummissarju jissorvelja d-dħul ta' din il-merkanzija ġewwa Malta, b'dan in-nuqqas iwassal għas-sanzjoni tal-liġi. Illi, l-appellant jilmenta li huwa ma kienx involut fil-kunsinna, twarrib jew irtirar tat-tabakk minn xi bastiment kif tirrikjedi l-Liġi u allura ma setax ikun hu l-awtur tar-reat, iżda l-persuna jew persuni li effettivament daħlu ġewwa Malta bil-prodott. Huwa minnu li ma nġabet l-ebda prova li l-appellant kien fizikament involut fil-kunsinna, twarrib jew irtirar tat-tabakk in kwistjoni minn xi bastiment pero' huwa minnu ukoll li mill-provi prodotti jirrizulta kjarament li kien l-appellant li ordna t-tabakk u kien l-appellant li rċieva l-istess fil-fabbrika tiegħu. Għalkemm ma kienx hu fiżikament li ħatt it-tabakk mill-bastiment in kwistjoni, il-burdnara kienu qed jagħmlu hekk sempliċiment bħala parti minn xogħolhom u dana wara li l-appellant għamel l-ordni għall-importazzjoni tat-tabakk. Fuq kollox, l-artikolu 79 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jitfa' l-piż tad-dikjarazzjoni tal-importazzjoni fuq l-importatur tal-oġġetti hekk iddikjarati jew inkella dik il-persuna delegata mill-importatur għal dan il-għan, tant illi hija ħatja ta' reat dik il-persuna li tiffirma tali dikjarazzjoni mingħajr l-awtoriżżazzjoni tal-importatur. Dan ifisser illi ir-responsabbilta' sabiex issir id-dikjarazzjoni tal-importazzjoni tistrieħ unikament fuq l-ispalla tal-importatur u ta' ħadd iżjed, bil-piż tal-prova tinkombi fuq l-ispalla tal-persuna mputata bir-reat sabiex tipprova illi l-importazzjoni saret skont il-liġi[1].

Illi, irriżulta ukoll, mit-testimonjanza ta' diversi uffiċjali tad-Dwana, li matul id-diversi laqgħat li kellhom mal-appellant preċedentement għal dan l-akkadut, kien ġie spjegat lilu d-diversi obbligi mposti fuqu bħala kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat tat-tabakk u ta' prodotti tat-tabakk, fosthom li jrid jinforma lid-Dwana mmedjatament meta jkun ser jimporta t-tabakk mhux manifatturat u dana għaliex l-istess Dwana tirrikjedi li hi tkun involuta f'kull parti tal-proċess sabiex tissorvelja l-istess. Tant hu hekk illi saħansitra meta wasal il-makkinarju ġewwa Malta li l-appellant kien ser juża għal din il-produzzjoni, l-importazzjoni ta'l-istess u it-trasport lejn il-fabbrika kien sar taħt is-sorveljanza tal-Uffiċjali tad-Dwana u dan

[1] Artikolu 77.

anke kif jirriżulta mix-xiehda ta' Mario Aquilina. Illi allura l-Qorti hija tal-fehma illi għall-appellant kellu jkun evidenti, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, illi kellu jinforma lill-Uffiċjali tad-Dwana bil-wasla tal-merkanzija u dan immaterjalment minn dak li setgħu osservaw l-imsemmija Uffiċjali meta aċċedew fil-fabbrika tiegħu, għaliex l-obbligu kien jinkombi fuqu u mhux fuq l-Uffiċjali. Jirriżulta għalhekk li l-appellant naqas milli javża lid-Dwana li kien ser jimporta it-tabakk mhux manifatturat u għaldaqstant dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis lill-appellant ħati tat-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

**Ikkunsidrat:**

Issa stabbilit kwindi n-nuqqas minn naħa tal-appellant li javża lil-Kummissarju bl-importazzjoni tat-tabakk bħala materja prima, jifdal biex ikun stabbilit jekk l-Ewwel Qorti erratx meta ikkonkludiet illi kien jirriżulta nuqqas minn naħa tiegħu illi jiddikjara lil Kummissarju illi l-prodott kien ġie immanifatturat, u li għalhekk kien jiskatta l-obbligu tiegħu li jħallas id-dazju tas-sisa u t-taxxa fuq il-prodott. Dan bi vjolazzjoni tal-obbligi imposti fuqu fil-Kapitolu 382 u l-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan l-obbligu jitwieled minn dak dispost fl-artikolu 16(1)(a) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta f' kull min:

> **jipproduċi oġġetti tad-dazju tas-sisa bi proċess li ma jkunx permess skont dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu.**

Illi l-appellant anke hawnhekk jilmenta illi l-azzjoni hija waħda intempestiva stante illi kien għadu fit-terminu stabbilit fil-liġi sabiex jagħmel din id-dikjarazzjoni u kwindi sal-mument li saret l-ispezzjoni u t-tabakk kien maqbud mill-awtoritajiet doganali huwa kien għadu fiż-żmien sabiex jagħmel tali dikjarazzjoni u dan skont ir-regolamenti ċċitati aktar il-fuq li jirregolaw id-dazju tas-sisa.

Illi, dawn ir-regolamenti jitfgħu obbligu fuq l-appellant bħala kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizżat tat-tabakk u ta' prodotti tat-tabakk li mhux iktar tard mill-wieħed u għoxrin jum tax-xahar li jiġi minnufih wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' kontijiet, jagħmel dikjarazzjoni dwar diversi fatturi lill-Kummissarju. Minn eżami akkurat tal-atti proċesswali odjerni, dina l-Qorti rriżultawlha s-segwenti fatti –

i) Illi l-appellant kiseb liċenzja sabiex jibda jipproduċi is-sigaretti lokalment fis-16 ta' Lulju 2020.

ii) L-appellant importa it-tabakk bħala materja prima (*raw tobacco*) mill-Polonja, liema tabakk wasal il-fabbrika tiegħu nhar id-9 t'Ottubru 2020.

iii) L-ispezzjoni da parti tal-Uffiċjali tad-Dwana ġewwa l-fabbrika tal-appellant saret nhar l-1 ta' Diċembru 2020, meta t-tabakk kien ikkonfiskat.

Illi, għalhekk, a bazi tar-Regolamenti suesposti, jekk wieħed kellu jieħu id-data tas-16 ta' Lulju 2020 u ċioe' il-jum meta nħareġ il-permess sabiex jibda l-ġestjoni ta' dan in-negozju bħala d-data meta kellu jiskatta it-terminu ta' sitt xhur konċess mill-liġi, huwa evidenti illi l-appellant kellu żgur sal-wieħed u għoxrin jum wara is-16 ta' Jannar 2021 biex jagħmel dikjarazzjoni lil Kummissarju fir-rigward tal-bidu tal-manifatturazzjoni u produzzjoni tas-sigaretti. Dan il-perijodu ta' żmien kien għadu ma iddekkorriex meta saret l-ispezzjoni mill-Uffiċjali tad-Dwana. Fil-fatt dan id-dokument jidher illi kien sottomess fit-13 ta' Jannar 2021, liema dokument huwa eżebit a fols 353 u 354 tal-atti proċesswali.

Illi dan ifisser illi l-appellant f'dan ir-rigward ottempera ruħu mal-liġi biex b'hekk l-ispezzjoni u s-sussegwenti azzjoni da parti tal-Kummissarju kienet waħda prematura u intempestiva, bil-Kummissarju, f'dan il-każ li kien jitratta proġett innovattiv u fejn kien jaf ben tajjeb illi l-appellant kien qed jipprova jikkonforma ruħu mal-liġi u jitlob il-gwida kontinwament mid-Dipartiment, ma kellux imexxi minnufih sabiex jissanzjona dak li dehrlu kien xi nuqqas minn naħa tal-appellant, u dan qabel igħaddi it-terminu konċess fil-liġi.

Ġaladarba għalhekk l-appellant kien għadu fiż-żmien biex jiddikjara mal-Kummissarju illi kien beda bil-produzzjoni u l-manifatturazzjoni kwindi ma jistax jingħad lanqas illi huwa pprova jevadi il-ħlas tad-dazju tas-sisa u tat-taxxa fuq il-valur miżjud, iktar u iktar meta ebda prodott ma kien għadu tlesta u għalhekk imqiegħed fuq is-suq. Għaldaqstant, dina l-Qorti hija tal-fehma li fir-rigward ta'l-ewwel, ir-raba', il-ħames u t-tmien akkuzi dedotti kontra l-appellant, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issib ħtija u għalhekk sejra tgħaddi biex tilliberah mill-istess.

Stabbilit dan, għalhekk, ma jidhirx illi il-Qorti għandha għalfejn tinoltra ruħha f'eżami ta'l-aggravji marbuta ma' dawn l-imputazzjonijiet. Jingħad biss illi f'dan il-każ, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant, l-Ewwel Qorti ma kellha għalfejn taħtar ebda espert sabiex jistabbilixxi in-natura tal-materjal ikkonfiskat u eżebit formalment quddiemha, u f'liema stadju ta' produzzjoni kien wasal, u dan għaliex, fl-ewwel lok, mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2022 jidher illi l-appellant stess eżenta lil Qorti mill-ħatra ta' espert għal dan il-għan, u fit-tieni lok, fuq kollox, l-appellant stess jammetti illi huwa kien beda bil-proċess tal-manifatturazzjoni u dan kif jirriżulta inkonfutabbilment mid-Dokument eżebit a fols.353 u 354 tal-atti minn eżebit fejn jispjega dettaljament ix-xogħol kollu li kien sar fuq dan it-tabakk pass pass. Kwindi l-Qorti kellha stampa ċara tan-natura tal-materjal eżebit u tax-xogħol kollu li kien laħaq sar mill-appellant fuq dan il-prodott.

Illi, finalment l-appellant iqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita ta' dawn il-proċeduri stante illi 'l hekk imsejħa *letters to prosecute* maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi ġew ippreżentati wara li kienu inbdew il-proċeduri meta dawn fil-fatt kellhom jiġu ppreżentati kontestwalment maċ-ċitazzjoni, u għalhekk il-Pulizija ma setgħux jipproċedu kontra l-appellant mingħajr ma jkunu ppreżentati in atti dawn il-permessi, biex b'hekk il-proċeduri huma ivvizjati *ab initio*.

Dwar dan il-punt, dina l-Qorti mall-ewwel tgħid li ma taqbilx mal-argument tal-appellant. Illi l-Artikolu 65A u 76 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu illi: –

> **65A. (1) <u>Kull reat taħt din l-Ordinanza jitqies</u>, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, <u>bħala delitt fis-sens tal-Kodiċi Kriminali</u> u, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet speċjali ta' din l-Ordinanza, għandu jiġi ittrattat bħala tali.**
>
> **(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar il-piena msejħa f'dak il-Kodiċi bħala multa jgħoddu għall-pieni ta' flus imsemmijin f'din l-Ordinanza.**
>
> **76. (1) Proċedimenti dwar xi reat kontra din l-Ordinanza u kull proċediment biex tinġabar xi penali pekunjarja jew mod ieħor taħt din l-Ordinanza għandhom jinbdew minn jew f'isem il-Kummissarju.**
>
> **(2) Dawk il-proċedimenti għandhom jinbdew fi żmien għaxar snin mid-data meta jsir ir-reat.**

Fl-istess sens jitkellem l-artikolu 83 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li jinneċċessita il-permess tal-Kummissarju għalbiex jinbeda kwalsiasi proċediment penali.

Illi, huwa għalhekk stabbilit li l-proċeduri penali mmexxija taħt il-Kapitolu 37 u il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jaraw it-twelid tagħhom permezz ta' *letter to prosecute* da parti tal-Kummissarju. Illi dawn 'l hekk imsejħa *letters to prosecute* huma eżebiti in atti bħala Dokumenti CG u MB u jinsabu a fols. 15 u 20 rispettivament. Illi id-dati indikati fuq dawn l-ittri huma tal-05 ta' Frar 2021, referibbilment għal dik maħruġa mid-Dipartiment tad-Dwana, u il-15 ta' Marzu 2021 maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi. Dan ifisser għalhekk illi l-awtoriżżazzjoni lil Pulizija Eżekuttiva sabiex jinbeda l-proċediment penali kontra l-appellant fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-liġi hawn fuq iċċitati, ingħatat qabel ma ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni mill-Ispettur Doriette Cuschieri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u dan fis-16 ta' April 2021. Illi allura l-aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u dan għaliex il-Pulizija Eżekuttiva mexxiet din l-azzjoni penali fit-termini tal-liġi u ċioe' fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxi u dan wara li ngħatat id-debita awtoriżazzjoni preventivament.

Għal dawn il-motivi, dan l-aggravju imressaq mill-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-gravam rimanenti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' xahar priġunerija sospiża għal sentejn fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u multa ta' €1,149,240, fejn l-appellant jilmenta li din hija wisq ħarxa u sproporzjonata.

Illi ġaldarba l-Qorti sejra tillibera lill-istess appellant mill-ewwel, r-raba', il-ħames u it-tmien akkuzi dedotti fil-konfront tiegħu, il-piena mposta da parti tal-Ewwel Qorti ser tiġi riformata. Illi għalhekk tirriżulta ir-reita' unikament għar-reat imfassal fl-artikolu 62(1)(c) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta, kif ingħad, l-appellant naqas milli jiddikjara l-importazzjoni tat-tabakk bħala materja prima, u li sa dak il-mument allura ma kienx oġġett dazjabbli.

Illi hija l-fehma tal-Qorti illi ġaldarba din il-materja prima ma kenitx sa dan il-mument soġġetta għal ħlas ta' dazju jew taxxa, kwindi l-multa li għandha tkun inflitta fuq l-appellant, apparti l-konfiska tal-merkanzija u l-priġunerija li hija tassattiva meta si tratta tat-tabakk bħala l-oġġett importat, għandha tkun dik fil-minimu tagħha ta' €4000, abbinata mal-piena stabbilita fl-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi ebda taxxa ma ġiet ipperikolata sal-mument, jerġa jingħad, illi seħħ dan in-nuqqas, u dan referibbilment għat-tieni, it-tielet, is-sitt u is-seba' imputazzjonijiet, bir-*ratio legis* wara s-sanzjoni tal-liġijiet doganali huwa li iżżomm milli jkun hemm evazjoni ta' taxxa jew dazju tant illi l-leġislatur ħaseb sabiex jimponi bħala piena multa ekwivalenti jew għal tlett darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġett importat jew inkella ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat. F'dan il-każ ma jirriżultax illi kien hemm xi biża' ta' evażjoni ta' taxxa jew dazju tas-sisa minn naħa ta'l-appellant li madanakollu naqas milli jottempera ruħu mal-liġi u jiddikjara l-importazzjoni tar-*raw tobacco* li sa dak il-mument ma kienx prodott dazjabbli, jew inkella kien għadu sospiż fil-konfront ta' dan l-oġġett il-ħlas tad-dazju u dan sakemm l-istess ikun manifatturat.

**Għal dawn il-motivi kollha suesposti, dina l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' in parte l-appell tal-appellant u tirriforma s-sentenza appellata billi:**

1. **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkuzi (ii), (iii), (vi) u (vii) imputazzjonijiet dedotti kontrih; u**
2. **Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet l-appellant ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru (i), (iv), (v) u (viii) u minflok tgħaddi sabiex tilliberah mill-istess; u**
3. **Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal perijodu ta' priġunerija ta' xahar sospizi għall-sentejn u għal ħlas ta' multa ta' €1,149, 240 u minflok tikkundanah għal perijodu ta' priġunerija ta' xahar sospizi għall-sena, u dana ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għal ħlas ta' multa ta' €4350 li terz minn dan l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lill-Kummissarju**

tad-Dwana u tat-Taxxa u dana ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 u l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta; u

4. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska skond il-Liġi tal-materjal/tabakk maqbud.

**Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**